Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,088, 19 ta' Lulju, 2023
Taqsima B

A.L. 174 tal-2023

L-ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2023 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Master of Dental Surgery – M.D.S.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2023 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Master of Dental Surgery – M.D.S. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2014 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Dental Surgery – M.D.S. – li ġew ippubblikati bħala Avviż Legali 101 tal-2014, li minn hawn 'il quddiem jissejħu bħala "r-regolamenti prinċipali."

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew mill-1 ta' Lulju, 2023 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (3) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Il-Bord jista' jħalli lill-istudenti jagħmlu sena ta' studju addizzjonali, jekk eliġibbli skont dawn ir-regolamenti."

L-Emenda għar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (3) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) L-istudenti li wara s-sessjoni supplimentari jeħlu f'taqsimiet-studju li għalihom hemm assenjati 10 kretti ECTS jew anqas, wara pariri akkademiċi mid-Dekan u/jew mill-Kap tad-Dipartiment ikkonċernat, jistgħu jingħataw l-għażla mill-Bord, li jew:

(a) jirreferu t-taqsima/taqsimiet-studju li weħlu fiha/fihom għas-sena ta' wara u jsegwuha/jsegwuhom flimkien mat-taqsimiet-studju indikati għal dik is-sena; jew

(b) jirriferu t-taqsima/taqsimiet-studju li weħlu fiha/fihom għal sena ta' studju addizzjonali, jekk (i) it-taqsima-studju ma tistax tiġi riferuta għas-sena ta' wara skont il-paragrafu (5) ta' dan ir-regolament, jew (ii) ikunu fil-5 Sena tal-Kors. Il-possibbiltà li tirriferi t-taqsimiet-studju għal sena ta' studju addizzjonali għandha tingħata darba f'kull waħda miż-żewġ partijiet tal-Kors; jew

(c) jirrepetu s-sena, jekk ikunu eliġibbli skont dawn ir-regolamenti."